QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

Bhala Qorti Ta' Gudikatura Kriminali

MAGISTRAT DR. CLAIRE L. STAFRACE ZAMMIT B.A. LL.D.

Il-PULIZIJA

(Spettur James Grech)

vs

Mario Vella

Illum 30 ta' Gunju 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' **Mario Vella** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 21191M akkuzat talli nhar it-03 t'Ottubru 2001 f'xi hin bejn id-disgha (9am) u l-ghaxra neqsin kwart ta' filghodu (9:45am) gewwa Haz Zebbug;

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti, gojjellerija u/jew oggetti ohra minn gewwa residenza 16, Triq il-Hofra, Haz Zebbug liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li jeccedi l-ammont ta' LM1,000 (€2,329.37) u bil-Lok ghad-detriment ta' Michael Zerafa u/jew ta' persuna, persuni, entita u/jew entitajiet ohra;

Il-Qorti giet mitluba tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-proces verbal bin-numru 1725/01 (Dok. MGC);

Rat in-Nota tal-Avukat Generali datata disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru elfejn u sittax (2016) fejn fiha gew elenkati l-Artikoli tal-Ligi li bihom jinhaseb li ghandha tinstab htija u cioe:

(a) Fl-artikoli 20, 31, 261 (b), (c), (e), 263,264, 265, 266, 267, 269 (g), 278 (1), (2), (3), 279 (b), 280 (1), (2), 281 (a), 284, 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Fl-artikoli 17, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi kollha inkluz it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. L-imputat Mario Vella huwa akkuzat talli sgassa u dahal go propjeta' ta' Michael Zerafa u dan minhabba l-fatt li l-marki tas-swaba tieghu gew elevati minn fuq il-bieb li gie sgassat. Il-vittmi jichdu illi l-imputat kien tela' sas-sular ta' fuq, li kienu qalu hu li l-akkuzat kien dahal xi darba fil-kcina taghhom sabiex jiehu kafe'.

**<u>XHIEDA</u>**

Xehed is-Sur <u>**Brian Fenech**</u> li jigi qarib tal-imputat u jghid illi l-imputat dahal aktar minn darba fir-residenza tal-vittma f'Haz Zebbug. Huwa spjega li d-dar tal-vittma hija mqassma billi fis-sular ta' isfel hemm il-kcina, l-intrata u kamra tas-sodda, hemm ukoll tarag minn barra go bitha sabiex titla' ghas-sular ta' fuq fejn hemm zewgt ikmamar tas-sodda fejn qed jinghad li gew misruqa l-flus.

Xehdet ukoll <u>**Lilian Fenech**</u> li r-ragel taghha jigi kugin tal-imputat u tghid li fid-dar ta' Haz Zebbug kien joqghod iz-ziju taghha Michael Zerafa u ommha u hi kienet tiehu hsiebhom u allura kienet tkun hemmhekk hafna. Hija tghid illi lill-imputat kienet xi kultant iddahhlu f'din id-dar biex jiehu kafe' u fl-ebda hin ma kien tela' fis-sular ta' fuq. Dan kien idum xi nofs siegha imbaghad jitlaq.

Ix-xhud <u>**Alfred Zerafa**</u> illi jigi n-neputi ta' Michael Zerafa ikkonferma dak li kienet qalet ix-xhud ta' qablu illi l-imputat qatt ma kien tela' fis-sular ta' fuq meta kien jidhol f'din id-dar.

Illi finalment xehed il-vittma Michael Zerafa li spjega illi dakinhar tal-allegat reat kien gie mix-xoghol u sab il-bieb tal-gardina miftuh u baqa' sejjer dritt fuq fil-kamra tieghu fejn sab kullimkien imqalleb. Huwa jghid illi kienu naqsulu xi affarijiet bhall-gizirana, cappetta u xi erba' crieket u cirka erbat elef (Lm4,000) jew hamest elef (Lm5,000) Liri Maltin in kontanti.

Huwa kompla jghid li dan gara fix-xahar ta' Settembru ghaliex kienet il-festa ta' San Mikiel ta' Haz Zabbar u huwa mar id-dar mix-xoghol ghal xi l-ghaxra (10) jew il-hdax (11) ta' filghodu. Ix-xhud ikkonferma li fil-kmamar tieghu huwa ma jdahhal lil hadd. Ix-xhud kien kategoriku li huwa kellu s-somma ta' erbat elef ewro (€4,000) fil-kamra tieghu ghaliex jghid li kull gimgha meta kien jaqbad il-paga kien jghoddhom. Huwa jghid ukoll illi fil-kamra l-ohra fejn kienet toqghod Sunta u kellha erba' mitt ewro (€400) li kienu ta' ommu.

Xehdet ukoll Maria Assunta Zerafa li tigi l-mara ta' hu Michael Zerafa li huwa mejjet li hija tispjega li dak il-hin illi saret il-prezunta serqa kienet qed tixtri l-haxix wara li harget lill-mama' tar-ragel

taghha li dak iz-zmien kienet toqghoq maghhom u kienet ghadha hajja barra fuq bank. Hija tghid li hadd ma kien hemm id-dar dak il-hin meta saret is-serqa u li hija qatt ma dahlet lil hadd fil-kmamar ta' fuq hlief forsi t-tfal taghha.

Hija ma tiftakarx jekk l-imputat qatt dahalx fid-dar taghhom fil-fatt ma tantx gharfietu.

Fl-ahhar xehed **PS1328 Clive Brimmer** li huwa parti tal-Forensika fi hdan il-Pulizija u spjega kif kienet is-sistema tal-*fingerprinting analysis* dak iz-zmien ta' meta sar l-allegat reat u llum il-gurnata li hija aktar procedura avvanzata u spjega li ghalhekk kien hemm *hit* ghall-marki tas-swaba tal-imputat u dan gara wara li l-ispettur investigattiv li jkun qed jahdem fuq kaz partikolari jerga jaghti l-faxxikolu lilu u jara x'jitilghu. F'dan il-kaz telghu l-marki tas-swaba tal-imputat wara hafna zmien.

Rat ir-rapport tal-ufficjal tal-Probation **Sharlet Fabri** (Dok. SF1) mitlub mid-difiza hija spjegat illi l-imputat kellu passat daqsxejn

turbolenti izda llum il-gurnata huwa ghandu mpjieg stabbli u m'ghandux aktar kazijiet pendenti l-Qorti.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet;

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-unika prova illi l-prosekuzzjoni ghandhom kontra l-imputat hija l-marki tas-swaba tieghu illi nstabu fuq il-bieb sgassat. Illi ta' min jghid illi dan il-bieb jinsab fl-ewwel sular ta' dar antika illi meta tidhol mill-bieb principali ssib bitha nterna u f'din il-bitha hemm tarag minn barra li dan it-tarag jaghti ghall-kmamar mertu ta' dawn il-proceduri. Allura min dahal jisraq ghamel hemm billi l-ewwel dahal f'din id-dar imbaghad tela' t-tarag u sgassa dan il-bieb. Illi rrizulta li nstabu dawn il-marki tas-swaba li permezz ta' nomina tal-Magistrat Inkwirenti fis-sena elfejn u hmistax (2015) l-espert Joseph Mallia kkonstata wara d-debita komparazzjoni u kkonkluda s-segwenti (Dok. JMA):

*"Illi wara li gew ezaminati, studjati u kkomparati id-dokumenti 01 CBR 301, 01 CBR 302 u 01 CBR 303, lifters li jigbru fihom impronti digitali zviluppati permezz tal-black powder, u elevati permezz ta' lifting tape fuq acitate sheet trasparenti, u d-dokumenti JM formola tal-impronti digitali u formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta' Mario Vella, detentur tal-karta tal-identita' numru 21191 (M), l-esponent jikkonkludi dan li gej:*

1. *Illi l-impronti dokument 01 CBR 301 u 01 CBR 303, gew ikkomparati mal-formola tal-impronti digitali u l-formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta' Mario Vella, detentur tal-karta tal-identita' numru 21191 (M) dokument JM, bir-rizultat fin-negattiv.*
2. *Illi l-ewwel (1) impronta li tidher elevata permezz tal-lifter dokument 01 CBR 302, hija nieqsa mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni, ghalhekk ma' setghux jsiru ezamijiet komparattivi rikjesti bejn din l-istess impronta, u d-dokumenti JM formola tal-impronti digitali u formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta' Mario Vella, detentur tal-karta tal-identita' numru 21191 (M).*

*3. Illi t-tieni (2) impronta li tidher elevata permezz tal-lifter dokument 01 CBR 302 taqbel pozittivament, ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-werrej tal-id il-leminija tal-istess Mario Vella, detentur tal-karta tal-identita' numru 21191 (M)."*

Illi ghalhekk kullma hawn f'dawn il-proceduri huma provi cirkostanzjali li tali prova unika hija dik tal-marki tas-swaba misjuba fuq ix-xena tar-reat kif inghad hawn fuq. Illi tali prova unika giet meqjusa bizzejjed sabiex l-imputat jinstab hati anke mill-Qrati tal-Appell taghna.

Illi fil-kawza bl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrea Zammit** (deciza mill-QA Kriminali fit-12 ta' Jannar 2016), il-Qorti kkwotat l-indirizz tal-Imhallef illi kien qieghed jippresjedi l-guri li kkonferma s-segwenti:

"*Issa hemm imbagħad ir-raba' tip ta' prova li diġa` ssemmiet waqt it-trattazzjoni li hija s-circumstantial*

*evidence. [...] L-importanti pero ` li tibqghu tiftakru li jekk is-circumstantial evidence, jiġifieri serje ta' ċirkostanzi jistgħu jwassluk għall-konklużjoni waħda u waħda biss allura dik hija biżżejjed biex tistrieħ fuqha, anke fuqha biss biex issib il-ħtija. Pero ` jekk is- cicumstantial evidence ma twassalkomx għal konklużjoni waħda biss imma tista' tagħti lok għal diversi konklużjonijiet, jew għall-inqas tnejn, allura ma tistgħux tistrieħu fuqha biss biex issibu l-ħtija. Dik hija r-regola prinċipali tas-circumstantial evidence. Circumstantial evidence tista' tiġi minn ħafna affarijiet.*"

Illi fis-sentenza __Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg et__ (deciza mill-QA Kriminali nhar l-1 ta' Gunju 2010) il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

*"Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tippronuncja ruhha dwar is-sahha probattiva ta' provi cirkostanzjali. Filwaqt illi dawna huma ammessi jistghu jwasslu ghall-htija jekk tirrizulta konkluzzjoni wahda. Jigifieri li l-provi tkun univoka.*"

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Michael Ellul Vincenti** (deciza mill-QA Kriminali nhar it-3 ta' Ottubru 2013) intqal hekk:

> *"Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali illi johrogu minn dan il-process, provi illi huma wkoll importanti, a dirittua mpellenti ghall-prosekuzzjoni, li jwasslu ghal konkluzjoni wahda u wahda biss. Meta persuna tkun qieghda tikkonsidra sabiex taghmel reat, dina taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u rresponsabilta' taghha ghal dak ir-reat u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari izda jkollok diversi ndizji li kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni."*

Dan il-punt gie kkonfermat ukoll fil-kawza bl-ismijiet **The Republic of Malta vs Eduardo Navas Rios** (deciza mill-QA Kriminali nhar id-9 ta' Mejju 2013):

*"It has been constantly held that in order that circumstantial evidence may serve as a basis to convict it must first and foremost be narrowly examined and then in order to give weight to a circumstance or to a number of circumstances as proving guilt this or these must be unambiguous or unequivocal meaning that these must be definite or unmistakable or clearly pointing to only one conclusion. If circumstantial evidence may have more than one meaning, then that circumstance or circumstances cannot be given any weight or consideration at all because although circumstances do not lie they may deceive."*

Illi f'dan l-istadju qed issir ukoll referenza ghall-kawza bl-ismijiet <u>Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri</u> (deciza QA Kriminali fl-20 ta' Settembru 2013) fejn il-Qorti tenniet is-segwenti:

"*Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista'*

*ragjonevolment jasal ghall konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir- rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi*".

Illi finalment, kif gie ritenut fil-kawza <u>Il-Pulizija vs Borg et</u> (deciza QA Kriminali nhar il-15 ta' Gunju 1998) il-Qorti qalet hekk:

"*Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova*".

Ikkunsidrat;

Illi huwa ghalhekk car u inekwivoku illi tali prova cirkostanzjali ossija l-marki tas-swaba misjuba fuq il-bieb li gie sgassat u li huma tal-imputat Mario Vella taghti ghal triq wahda u cioe' illi kien l-imputat illi dakinhar tat-tlieta (3) ta' Settembru elfejn u wiehed (2001) sgassa u dahal fir-residenza ta' Michael Zerafa u sgassa l-bieb tieghu b'dan illi seraq ammont ta' flus u xi gojjellerija.

Din il-Qorti hija kkonfortata ukoll bid-depozizzjoni tax-xhieda kollha li ghalkemm kkonfermaw illi l-imputat kien jidhol fir-residenza izda dan kien jiqba' fis-sular ta' isfel u qatt ma kien tela' fuq. Din il-Qorti kellha l-konfort li tmur f'din l-abitazzjoni u setghet tikkonstata illi l-kcina hija ferm 'il boghod mill-kamra tas-sodda ta' Zerafa u huma fuq sulari kompletament differenti. Allura ma seta' qatt li l-imputat tela' fis-sular ta' fuq jekk mhux fid-data inkriminata u fl-assenza tal-kunsens tal-parte civile u dan sabiex jappropja ruhu mir-*res furtiva.*

Illi a rigward tal-ammont misruq jinghad illi Michael Zerafa kien car u inekwivoku illi dak li nsteraq kien l-ammont ta' erbat elef Liri Maltin (Lm4,000) u l-ammont ta' erba' mitt Lira Maltin (Lm400) li kienu fil-kamra l-ohra u li kienu ta' ommu izda a rigward il-gojjellerija ma setax jaghti valur izda bil-kontanti biss l-aggravju tal-valur huwa ppruvat.

Illi a rigward l-aggravju tal-mezz mir-ritratti esebiti fl-inkjesta minn PS 36 Sergio Azzopardi jirrizulta l-izgass u li l-bieb *de quo* gie llievat permezz ta' xi oggett iebes.

Illi a rigward l-aggravju tal-lok hareg car illi l-post fejn saret is-serqa kienet ir-residenza ta' Michael u Assunta Zerafa u l-imputat kien ben konxju ta' dan il-fatt.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ser issib lill-imputat hati fuq l-akkuzi kif dedotta izda minhabba l-fatt li llum il-gurnata l-imputat jinsab f'pozizzjoni stabbli hekk kif xehdet l-ufficjal tal-probation ma hijiex ser timponi piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 263, 267, 278(2) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Mario Vella hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal sittax (16)-il xahar prigunerija li qeghdin jigu sospizi ghal tliet (3) snin.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat Mario Vella qed jigi kkundannat ihallas l-ispejjez naxxenti mill-inkjesta mertu ta' dawn il-proceduri u li dawn jammontaw ghas-somma ta' sitt mija u tlieta u erbghin ewro u tmenin centezmu (€643.80).

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat Mario Vella r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**